**26 ta' Marzu, 1965**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. A. Gauci Maistre, LL.D.**

Joseph Attard nomine

*versus*

Av. Dr. Rene A. Cremona et noe

**Prova — Sentenza ta' Tribunal Esteru — Awtenticità ta' kopja — Res Judicata — Ordni Pubbliku — Ġurisdizzjoni Art. 638, 829, 830 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Meta ċerti atti bħal kopji ta' sentenzi ta' tribunal esteru ikollhom bż[illegible] l-awtentikazzjoni mill-Konslu Brittaniku tal-post fejn ik[illegible]nu ġew emanati, biex ikollhom forza probatorja quddiem il-Qrati tagħna, dan ifisser illi jekk ikunu sprovvisti minn dina l-awtentikazzjoni għandhom bżonn ta' prova tal-awtenticità tagħhom barra dik li tirriżulta minnhom infishom.*

***F'każ ta' eċċezzjoni tar-Res Judicata, l-element ta' l-"eadem causa petendi" jista' jissussti wkoll mhux biss mid-domanda tal-attur iżda wkoll mill-eċċezzjoni li jagħti l-konvenut.***

***Jekk parti tissottometti ruħha għall-ġurisdizzjoni ta' Qorti estera, ma tistax wara tallega li s-sentenza tal-Qorti estera tmur kontra l-ordni Pubbliku ta' Malta sempliċement għaliex hemm diskrepanza bejn is-sistema proċedurali tal-Qorti Estera u dik Maltija.***

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur — wara li ppremetta illi l-konvenut kien ikkonċeda lill-istanti nomine l-esklusività fil-pjazza ta' Malta dwar prodotti (żraben) tal-istess konvenut, ad eccezzione ta' fornituri lil Paolo Farrugia ta' tas-Sliema; u li in vista ta' dina l-konċessjoni l-instanti għamel spejjeż u ta l-opra assidwa tiegħu biex ikabbar il-bejgħ f'Malta tal-prodotti tal-konvenut u għamel ordinazzjonijiet rilevanti tal-istess prodotti, li dejjem kien fi ħsiebu jkabbar bl-ideja tal-profitt li dana kien iħallielu; u illi l-konvenut, nonostanti l-assikurazzjonijiet tiegħu illi jekk xi merkanzija tiegħu kienet qiegħda tasal hawn Malta dana kien mingħajr ma jaf hu u kuntrarju għad-direttivi tiegħu, fil-fatt bagħat merkanzija lil ħaddieħor bi kżur tal-ftehim li kellu ma' l-*instanti* kif fuq imsemmi; u illi appena l-instanti kellu prova *ċerta ta'* dana l-għemil tal-konvenut huwa ddeċida li jinħall mill-istess ftehim u ħassar ordnijiet li ma kienux esegwiti, b'riserva li jitlob id-danni lilu kkaġjonati mill-konvenut; u *illi* biex *ikun jista' jitħallas* tad-danni li jiġu lilu likwidati l-*instanti nomine, li kellu jagħti lid-Ditta* konvenuta *l-ammont ta'* **£1197. 1s. 6.** ma ħallashiex u llum stess għadda għad-depositu relativ taħt l-awtorità ta' dina l-Qorti; prevja d-dikjarazzjoni okkorrendo, *li* l-konvenut kiser il-ftehim li kellu ma' l-instanti dwar l-esklusività tal-importazzjoni f'Malta (ad eccezzione ta' Paolo Farrugia) tal-prodotti tal-istess konvenut — talab illi l-konvenut jiġi dikjarat responsabbli tad-danni lejh u li jkun ikkundannat iħallas in linea ta' danni dak l-ammont

li jiġi likwidat minn dina l-Qorti u konsistenti l-istess danni fit-telf tal-ispejjeż u industrija tal-istess attur għat-tkabbir tal-bejgħ f'Malta tal-prodotti tal-konvenuti u fit-telf tal-qliegħ mill-istess prodotti, u li huwa — l-attur — jiġi awtorizzat li jiżbanka s-somma li tiġi lilu akkordata skond it-talba preċedenti u l-ispejjeż ta' dina l-kawża mid-depositu magħmul minnu stess permezz taċ-ċedola preċitata.

OMISSIS:

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-Avukat Dottor Giovanni Sammut fil-kwalità tiegħu premessa (fol. 33) li biha eċċepixxa (1) li l-Calzaturificio Vulcano ta' Aleardo Castelli qatt ma kien appunta lid-ditta attriċi bħala rappreżentanti esklusiv tiegħu f'Malta u għalhekk dina ma tistax tippretendi ebda danni; (2) illi waqt il-mori ta' dina l-kawża ġiet deċiża mit-tribunal kompetenti ta' Vigevano, b'sentenza tad-9 ta' Mejju, 1962, kawża oħra fl-ismijiet inversi, li kienet ipprovokat digriet mogħti minn dina l-Qorti fid-29 ta' April, 1960, li bih dina l-kawża ġiet imħollija *sine die* peress illi f'dina l-kawża hu xieraq li tiġi mistennija sentenza mit-tribunal estern li qed jittratta kwistjoni simili (3) illi bis-sentenza predetta tal-Qorti ta' *Vigevano* ġiet miċħuda kull pretensjoni tad-ditta attriċi, kif jirriżulta mid-disposti tagħha, skond kopja awtentika prodotta man-nota tal-eċċezzjonijiet (Dok. "A") b'animu li tiġi ritirata, imħabba dan il-ġudikat esteru li ttratta u ddeċieda l-istess kwistjoni, anke fuq il-prinċipju tal-*non bis in idem*, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda, prevja okkorrendo r-revoka tal-mandat mogħti lill-perit legali Dottor Alberto Mercieca;

OMISSIS:

Tikkunsidra illi l-perit legali fir-relazzjoni tiegħu wasal għall-konklużjoni (fol. 75) illi kien hemm lok li tiġi akkolta l-eċċezzjoni preliminari tar-*res judicata* sollevata mill-konve-

nut nomine.

Tikkunsidra qabel xejn illi l-konvenut esebixxa kopja ta' sentenza tat-Tribunal Ċivili ta' Vigevano mogħtija fl-14 ta' Mejju, 1952, u ċertifikata bħala konformi għall-oriġinal mill-kanċillieri tal-istess tribunal. Minn din il-kopja jirriżulta illi d-Ditta konvenuta kienet iċċitat lid-Ditta attriċi quddiem it-tribunal ta' Vigevano għall-kundanna tagħha għall-ħlas ta' liri Taljani 2,265,900 bl-*interessi, import ta' fornitura ta' żra*-ben, u li d-ditta konvenuta f'dik il-kawża u attriċi f'dina l-kawża, wara li talbet li tiġi meħlusa mit-talba, talbet li rikonvenzjonalment *tiġi* "accertata l'inadempienza contrattuale dell'attore nei confronti della società convenuta, e condannare questi a corrispondere a questa, a risarcimento *di danni subiti* nella somma di lire 5,000,000 oltre gli interessi legali dalla domanda." Id-danni li kienet qiegħda tippretendi (d-Ditta Gatt) kienu "derivati dalla violazione del diritto spettantele di rappresentanza esclusiva dei prodotti Castelli" fil-waqt li d-ditta "Castelli" attriċi quddiem it-tribunal Taljan "contestò di avere concesso l'esclusività alla grossista convenuta..." L-istess tribunal wara li rreleva qabel xejn *illi d-ditta konvenuta ma* kkontestatx "i fatti costitutivi del proprio debito" u li kwindi kienu dovuti lire 2,265,900 għall-kawżali esposta għadda biex jeżamina d-domanda rikonvenzjonali u fuq il-provi li sema' u wara li ma ħax konjizzjoni tad-deposizzjoni tal-konvenut billi deherlu li ma kienetx ammissibbli a tenur tal-artikolu 246 tal-Kodiċi tal-Proċedura Taljan, wasal għall-konklużjoni li r-rapport bejn il-kontendenti ma kienx inkwadrabbili fil-kuntratt ta' aġenzija regolat mill-artikolu 1742 CC. u kwindi kellu jiġi ritenut li ma kienitx saret il-prova da parti ta' Gatt tal-klawsola tal-esklusività tal-bejgħ;

Skond dak li *jirriżulta* mill-kopja legali *tas-sentenza in* kwistjoni l-att taċ-ċitazzjoni ġie notifikat lir-rappreżentant legali ta' Gatt fid-19 ta' Frar, 1959, però l-istess Gatt xehed illi

n-notifika lilu personalment saret mill-Consolat Taljan wara li kienet bdiet il-kawża preżenti (tnejn (2) ta' April, 1959) u wara li kien diġà deher il-Qorti hawn Malta. Qal ukoll li mar diversi drabi Vigerano waqt li kienet qegħda ssir il-kawża hemmhekk u deher ukoll quddiem dik il-Qorti imma ma xehed—; ix-xhieda tiegħu ttieħdet permezz ta' ittri rogatorjali hawn Malta, u l-avukat Taljan kien qallu, meta ried jixhed Vigevano, li ma setax.

L-attur fin-nota tiegħu fol. 53 eċċepixxa preliminarjament li l-kopja tas-sentenza esibita ma għandha ebda forza probatorja billi m'hix awtentikata mill-konslu Ingliż a tenur tal-artikolu 628 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Ma jidhirx li n-nuqqas tal-awtentikazzjoni da parti tal-konslu Ingliż tista' tkun ta' ostakolu għall-effett probatorju tal-kopja tas-sentenza esibita mill-konvenut. Skond kif irriteniet il-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha, in re "Dottor Massimiliano Debono vs Bernardo Zammit" 15 ta' April, 1929 Kollez. Vol. XXVII P. I paġ. 810, jekk ċerti atti fosthom dawk ta' Qorti estera għandhom bżonn l-awtentikazzjoni mill-konslu, Brittaniku, tal-post fejn ikunu ġew emanati, dan ifisser illi jekk ikunu sprovvisti minn dina l-awtentikazzjoni għandhom bżonn ta' prova tal-awtentiċità tagħhom barra dik li tirriżulta minnhom innifishom, u din il-prova tista' tiġi desunta mill-fatt illi min ikun oppona għall- ammissibilità tagħha jkun għamel riferiment espliċitu għaliha f'xi nota tiegħu: "Atteso che si fatta prova nella specie trovarsi fornita dallo stesso convenuto il quale avendo nella sua note a fol. 158 fatto esplicito riferimento in sostegno della sua tesi ai documenti in questione venne ad ammetterne l'autenticità" (paġ. 812 sentenza ċitata). Issa meta wieħed jaqra n-nota tal-attur isib illi hemm riferenza kontinwa għal dina s-sentenza u mill-kommenti tiegħu fuqha jsib il-konfer- [illegible] tad-deċiżjoni esibita mill-

L-attur issottometta subordinatament illi ma kienx hemm l-eadem causa petendi billi l-azzjoni quddiem *it-tribunal ta'* Vigevano ġiet intavolata mill-konvenut odjern u mhux mill-attur u *f'dik* il-kawża ġiet *sollevata in via di eccezzione il*-kompensazzjoni mħabba l-inadempjenza tad-Ditta Castelli, u l-azzjoni kienet diretta kontra l-attur *odjern għall-ħlas* ta somma li kienet ġa ġiet depositata quddiem dina l-Qorti. Kieku l-attur odjern *illimita* ruħu biex *jitlob il-liberatorja mit-talba* għall-kundanna tal-ħlas tal-prezz tal-merkanzija mitluba minn Castello sic et *simpliciter allura* kien *jista' jingħad li* ma hemmx l-eadem causa petendi, imma meta Gatt, konvenut quddiem *il-Qorti ta'* Vigevano *talab kompensazzjoni* mħabba l-inadempjenza tad-Ditta Castelli li ma rrispettatx l-esklusività *tar-rappreżentanza li* kien *jippretendi li* kienet tagħtu *l-istess* ditta, u meta t-tribunal ta' Vigevano ċaħad il-pretensjoni tal-attur *odjern* għaliex *ma kienx ipprova dina l-esklusività* hemm deċiżjoni proprju fuq l-istess pont li jifforma l-meritu tal-kawża *odjerna* u kwindi hemm *l-eadem* causa petendi. Jgħid a propositi 1) Mattirolo "Diritto giudiziario Civile Vol. V, paġ. 58 No. 50 C "Il tema della controversia giudiziaria, ossia la questione da trattarsi e da risolversi in giudizio, non dipende soltanto dalla domanda dell'attore, ma anche dalla risposta del convenuto; il quale può limitarlo, e può anche ampliarlo entro la sfera del diritto che venne dedotto in contestazione; sicchè sia a lui concesso di proporla, nello stesso giudizio, domande riconvenzionali, dipendenti dal titolo, che è diverso da quello proposto dall'attore, ma che pur già appartiene alla causa principale come mezzo di eccezione." *U* kien proprju għaliex kien hemm kawża pendenti quddiem it-tribunal ta' Vigevano u biex wieħed ikun jaf x'sejjer ikun l-eżitu ta' dik il-kawża li l-kawża odjerna baqgħet sine die. Evidentement l-attur issa qiegħed jgħid li m'hemmx l-istess causa petendi għaliex l-eżitu kien sfavorevoli għalih: kieku ma kienx hemm l-identità tal-kawża kien jinsisti li l-kawża tiegħu tibqa' miexja quddiem il-Qorti ta' Malta.

Oġġezzjoni serja kontra l-imsemmija sentenza hija dik li l-Qorti ta' Vigevano ma ħaditx konjizzjoni tax-xhieda rogatorjali mogħtija mill-attur u dan a bażi tal-artikolu 246 li jiddisponi li "Non possono essere assunti come testimoni le persone aventi nella causa un interesse che potrebbe legittimare la loro partecipazione al giudizio." Milli jidher meta l-attur ma rnexxilux jixhed personalment quddiem it-tribunal ta' Vigevano, billi kif qallu d-difensur tiegħu ma setax jagħmel hekk skond il-liġi Taljana, huwa xehed hawn Malta u bagħat id-deposizzjoni tiegħu quddiem dak it-tribunal li ddikjara mhux ammissibbli a bażi tal-liġi Taljana d-deposizzjoni tal-istess attur. Dana jirripunga għas-sistema leġislativ ta' Malta u seta' ppreġudika serjament lill-attur kif sewwa rrileva l-perit, imma la darba l-attur spontaneament issottometta ruħu għall-ġurisdizzjoni tat-tribunal Taljan ma jistax jgħid issa li s-sentenza mogħtija mill-istess tribunal ma jistax ikollha effett hawn Malta. Kull pajjiż għandu s-sistema proċedurali tiegħu u d-diskrepanza bejn iż-żewġ sistemi proċedurali ta' Malta u ta' l-Italja ma jwassslux biex wieħed jirritjeni li s-sistema Taljan jirripunja għall-ordni pubbliku fis-sens tal-artikolu 830 (1) (c) (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili ta' Malta.

L-attur invoka wkoll id-dispost tal-artikolu 830 (1) (b) u (2) kombinat mal-artikolu 829 tal-Kodiċi tal-Proċedura għaliex iċ-ċitazzjoni odjerna ġiet presentata ferm qabel ma ġiet notifikata l-azzjoni ntavolata quddiem it-tribunal ta' Vigevano mid-ditta konvenuta u ebda eċċezzjoni ma kienet ġiet sollevata quddiem dawn il-Qrati għal difett ta' ġurisdizzjoni. Inqas dina l-oġġezzjoni ma tidher attendibbli għaliex kif sewwa rrileva l-perit legali l-attur qiegħed jinjora l-aħħar parti tat-tielet paragrafu tal-artikolu 830 li jikkontempla l-każ ta' sottomissjoni volontarja għall-ġurisdizzjoni tat-tribunal esteru kif għamel l-attur meta mhux biss deher quddiem it-tribunal ta' Vigevano imma avanza fl-istess ġudizzju domandi rikonvenzjonali.

Ta min josserva wkoll li kif jirriżulta mill-kopja fotostatika tal-kopja kommissjoni (fol. 5) l-partijiet kienu għażlu d-domiċilju legali ta' Vigevano f'każ ta' xi kontroversja bejniethom u *dina probabilment*, jispjega wkoll lala d-difensur tal-attur odjerna eċċepixxa n-nuqqas ta' ġuriadizzjoni tal-Qrati Taljani fl-azzjoni intentata minn *Castelli* kontra l-attur odjern.

Fl-aħħarnett għandu jiġi rilevat kif sewwa osserva l-perit *legali* illi l-attur *seta'* dejjem interpona appell mid-deċiżjoni tal-Qorti ta' Viġevano jekk deherlu *li* ġie aggravat bl-eskluż-joni tax-xhieda tiegħu jew bl-*applikazzjoni* tal-liġi Taljana għall-kuntratt li kellu jiġi esegwit Malta meta l-liġi ta' Malta hija differenti, imma dawn m'humiex motiv biex ma tiġix rikonoxxuta l-*validità* tad-deċiżjoni tal-Qorti ta' Viġevano u l-konsegwenti *valur u forza* tar-res judicata.

Għal dawn ir-raġunijiet tilqa' l-eċċezzjoni tar-res judicata opposta mill-konvenut nomine u la darba ma teżistiex l-esekIusività li l-attur jippretendi li d-Ditta konvenuta kienet ik-konċeditlu u *li fuqha* huma bażati t-talbiet tiegħu, tiċħad it-talbiet attriċi. *L-ispejjeż tant* tal-eċċezzjoni tar-res judicata kemm tat-talbiet attriċi jibqgħu *bla* taxxa.